**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta u Għoxrin (26)**

**3 ta' Frar 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija b'mod virtwali permezz ta' *zoom*.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Stefan Bajada – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

n/a

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

26.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

26.1.2 Il-Kunsillier Victor Curmi informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ser jasal tard għal din il-laqgħa.

**26.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

26.2.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa numru 24 li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2021 wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

**26.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa b'urġenza**

26.3.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar l-Erbgħa 13 ta' Jannar 2021.

**26.4 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

26.4.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li bħalissa jinsab għaddej ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tat-tielet parti ta' Triq Marsalforn. Dan ix-xogħol qed ikun iffinazjat mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li x-xogħol tal-bdil tal-*main* tad-drenaġġ u s-servizzi tal-ilma f'din it-triq qed ikun iffinanzjat mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li nhar it-Tlieta 2 ta' Frar 2021 saret laqgħa dwar dan il-proġett li għaliha kienu preżenti hu, il-kuntrattur Victor Hili, il-Perit Josmar Cassar, il-Perit Edward Scerri u s-Segretarju Eżekuttiv Ivan

Attard. Waqt din il-laqgħa ġie maqbul li l-kuntrattur ser jibgħat programm tax-xogħlijiet lill-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 8 ta' Frar bit-*time frames* ta' meta huwa maħsub li jitlestew dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament li dawn ix-xoghlijiet għandhom jiġu konklużi sal-aħħar ta' Mejju 2021 sabiex ma nidħlux fix-xhur tas-Sajf bl-inkonvenjent kollu li dan iġib miegħu.

26.4.2 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-Perit Edward Scerri ippreżenta l-istima tal-proġett tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku, liema stima tammonta għas-somma ta' madwar € 1.5 miljun Ewro.

Is-Sindku qal li din l-istima diġa' tressqet quddiem il-Ministeru għal Għawdex u jinsab infurmat li l-istess Ministeru qed jistenna direzzjoni formali min-naħa tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex ikun jista' jipproċedi.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Perit Edward Scerri qallu li l-permess għandu joħroġ matul ix-xahar ta' Marzu 2021.

Sadanittant, il-Kunsill Lokali tax-Xagħra kompla għaddej bit-tħejjijiet tiegħu sabiex is-servizzi amministrattivi tal-Kunsill jiġu rilokati għal parti mil-librerija pubblika 'Patri Ġiġi Camilleri SJ'. Is-Sindku qal li matul din il-ġimgħa qed isir ix-xogħol fuq il-*ventilations* u t-tikħil li fadal isir sabiex wara jibda x-xogħol fuq l-installazzjoni tal-għamara u l-linji tat-telefon.

Il-Vici Sindku Aaron Agius semma l-bzonn li jsir xoghol ta' zebgha mal-hadid li hemm mat-twieqi tal-librerija. Il-Kunsill qabel li ghandna ninkarigaw lis-Sur Carmel Tabone għal dan ix-xogħol.

Il-Kunsill qabel li għandna nkomplu ninsistu mal-kuntratturi sabiex dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibbli sabiex is-servizzi tagħna jiġu rilokati għal post li jkun aċċessibbli għall-persuni anzjani u persuni b'diżabilita'.

26.4.4 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li għadna qed nistennew risposta rigward l-applikazzjoni ta' finanzjament għal xogħol ta' installazzjoni ta' fanali ġodda fil-*belvedere* fl-inħawi Tal-Qaċċa.

Din l-applikazzjoni ġiet sottomessa matul ix-xahar ta' Jannar lid-*Development Planning Fund* amministrat mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Il-Kunsill qabel unanimament li galadarba jkollna risposta favorevoli dwar din l-applikazzjoni ghandna nipprocedu bil-hrug tal-offerta pubblika ghal dan ix-xoghol.

26.4.5 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-bord ta' aġġudikazzjoni li twaqqaf fil-laqgha preċedenti sabiex jevalwa l-offerti sottomessi għall-provvista u installazzjoni ta' sinjali tat-traffiku fil-lokalita' qed jirrakkomanda li din l-offerta tingħata lill-kuntrattur Raphael Refalo li ssottometta l-unika offerta li kienet *administratively* u *technically compliant*.

Il-Kunsill aċċetta unanimament din ir-rakkomandazzjoni.

26.4.6 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li sal-11am tat-Tnejn 15 ta' Frar 2021 qed jintlaqgħu offerti pubbliċi għal servizz ta' inġinier għal xogħol tal-Kunsill.

Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li dan il-bord għandu jkun iffurmat minn Dr. Larry Formosa LLD bħala *chairman*, il-Perita Mariella Xuereb, l-*accountant* Anthony Farrugia u l-Perit Johann Camilleri bħala *evaluators* filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ikun is-Segretarju tal-Bord.

26.4.7 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur Thomas Xerri li huwa responsabbli mill-proġett tal-installazzjoni ta' *planters* f'Misraħ il-Vitorja għadu kemm ordna l-materjal biex eventwalment ikun jista' jibda x-xogħol propost li għalih il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ingħata finanzjament speċjali mill-Ministeru tal-Ambjent Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

Fil-preżent beda x-xogħol tat-tindif tal-ġiebja fi Pjazza l-Vitorja ħalli eventwalment ikun jista' jibda x-xogħol tal-installazzjoni tal-*planters*. Il-Kunsill qabel li għandu jalloka *budget* ta' € 500 sabiex isir ix-xogħol addizjonali tat-tneħħija tat-terrapien mill-imsemmija ġiebja. Ser ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jagħmel stima ta' dawn ix-xogħlijiet.

Il-Kunsillier Victor Curmi daħal għal-laqgħa fis-6.15pm.

26.4.8 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel li s-sessjonijiet ta' konsultazzjoni pubblika għar-residenti tagħna rigward il-*masterplan* għall-qalba tal-lokalita' tagħna għandhom isiru nhar is-Sibt 20 ta' Frar 2021 fl-10am u fl-4pm fil-Pjazza quddiem il-Mitħna Ta' Kola.

Bil-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjoni mill-Covid-19 u fid-dawl tar-*risk assessment report* li sar mill-Inġinier Christian Saliba għan-nom tal-kumpanija *Galea Curmi Engineering Consultants*, il-Kunsill qabel li għal kull sessjoni għandhom jattendu sa mhux aktar minn sittin persuna. Ser jinfetaħ il-*booking* għal din l-attivita' li ser ikun fuq bażi ta' *first come first served*.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kumpanija EMDP li hija inkarigata mit-tfassil ta' dan il-*masterplan* aċċettat li tiddedika linja tat-telefon, indirizz elettroniku u indirizz postali għal dawk ir-residenti li jixtiequ jwasslu s-suġġerimenti u l-proposti tagħhom għal din il-*masterplan* b'dawn il-mezzi wkoll. Dawn is-suġġerimenti ser ikunu jistgħu jintlaqgħu minn nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 'il quddiem.

Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw persuna sabiex tieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' din l-attivita' u tassigura li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-*risk assessment report*. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna ninkarigaw lill-Pulizija jew gwardjani lokali sabiex jagħlqu l-Pjazza tal-Mitħna f'dawn il-ħinijiet.

26.4.9 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandhom jiġu installati CCTV *cameras* fil-*bring-in-sites* ta' Triq Il-Marġa u fl-inħawi tal-Qortin. Dan sabiex inkunu qed ngħinu b'mod tanġibbli sabiex jinqatgħu l-abbużi minn dawk li qed jarmu l-iskart tagħhom hemmhekk b'mod illegali.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Aaron Agius u l-Kunsillier Anthony Attard, il-Kunsill qabel li għandna nippubblikaw fuljett informattiv dwar l-aħjar użu tal-*bring-in-sites* fil-lokalita' tagħna sabiex jitqassam fir-residenzi kollha tax-Xagħra.

26.4.10 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li wasal iż-żmien li nerġgħu nagħmlu sforz kollettiv sabiex il-bajja ta' Għajn Barrani terġa' tibda titgawda mill-pubbliku.

Wara diskussjoni, fuq proposta tal-Kunsillier Victor Curmi, il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jagħmel xogħol ta' tisbieħ u *upgrading* f'din iż-żona inkluż il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ fl-inħawi.

26.4.11 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill b'talba li rċieva mingħand il-ħaddiema klerikali fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jaħdmu permezz tat-*teleworking* b'sistema li tkun *rotational.* Dan bil-għan li jitnaqqas ir-riskju fuq is-saħħa tal-ħaddiema fi żmien il-pandemija tal-Covid-19.

Is-Sindku qal li filwaqt li jifhem li tali talba hija ġustifikata minħabba s-sitwazzjoni attwali tal-pandemija, irrikonoxxa li wieħed jista' jinfetta ruħu bil-*virus* minn ħafna postijiet. Huwa qal ukoll li l-Kunsill jinsab miexi ġmielu fix-xogħol sabiex is-servizzi li jiġu offruti mill-uffiċċju amministrattiv jiġu rilokati għal parti mil-librerija pubblika tagħna.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għalissa kollox għandu jibqa' kif inhu filwaqt li jkomplu jittieħdu l-miżuri kollha ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' infezzjoni fosthom billi s-Segretarju Eżekuttiv juża l-uffiċċju tas-Sindku minflok l-uffiċċju attwali.

26.4.12 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss tas-sotto-kumitat tal-kultura rigward l-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropea tas-sena 2022 għandha ssir nhar il-Ħamis 18 ta' Frar 2021 fil-5.30pm fl-uffiċċju amministrattiv.

26.4.13 Is-Sindku Dr. Christian Zammit propona u l-Kunsill qabel unanimament li fl-aġenda tal-laqgħa tax-xahar ta' Marzu 2021, għandu jiġi diskuss l-organizazzjoni ta' Jum ix-Xagħra.

**26.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

26.5.1 Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-possibilita' li l-funtana li nqalgħet minn Pjazza San Franġisk fil-Belt Victoria tiġi rilokata għal xi ġnien pubbliku fil-lokalita' tagħna. Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Direttur Ġenerali Vicky Xuereb rigward din il-proposta.

26.5.2 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa dwar il-possibilita' li tiġi organizzata aħjar is-sistema ta' kif jitranġaw il-bozoz maħruqin fil-lokalita' tagħna. Is-Sindku wieġeb li din il-materja trid tiġi diskussa mir-Reġjun Għawdex peress li dan huwa tender reġjonali.

**26.6 Qari tal-Korrispondenza**

26.6.1 E-mail mingħand Byran Magro, Segretarju tal-Fondazzjoni Don Bosco, b'informazzjoni dwar pubblikazzjoni ġdida bl-isem 'Gozo – Our Past On Glass'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.2 E-mail mingħand il-Perit Saviour Micallef li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jagħti n-*no objection* tiegħu bil-għan li tkun tista' tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja rigward il-permess PA 10572/18 għal xogħol fi Triq John Otto Bayer / Triq Parisot. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

26.6.3 E-mail mingħand ir-Reġjun Għawdex b'informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tar-Reġjun f'Festival Internazzjonali tal-Bizzilla li ser isir fil-Kroazja fil-bidu ta' Settembru 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.4 Ċirkulari numru 001/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Personal Accident Policy'. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din il-polza u jinkludi fiha lill-Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u *staff* klerikali tal-Kunsill.

26.6.5 Ċirkulari numru 002/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Polza tal-Assikurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill qabel li għandu jissieħeb f'din il-polza.

26.6.6 E-mail mingħand Dr. Deborah Camilleri, *Senior Manager* ta' Transport Malta f'Għawdex, li fiha qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jsiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fil-kantuniera bejn Triq Jannar u Triq Bullara. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

26.6.7 Ċirkulari numru 003/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 41'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.8 Ċirkulari numru 004/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Calypso Radio Outside Broadcasts'. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva.

26.6.9 E-mail mingħand Dr. Conrad Borg Manche, Kap Eżekuttiv ta' Ambjent Malta, li fiha qed joffri d-disponibilita' tiegħu lill-Kunsilli Lokali li jkunu jixtiequ jikkonsultaw miegħu dwar proġetti ambjentali fil-lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.10 E-mail mingħand il-Perit Edward Scerri li fiha qed jinforma lill-Kunsill li, fir-rigward tal-proġett ta' kostruzzjoni fl-inħawi tan-Nazzarenu, il-pjanti l-ġodda ma fihom l-ebda differenza tanġibbli mill-proposta ta' qabel u għalhekk il-punti li tqajmu għadhom validi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.11 E-mail mingħand il-Perit Emanuel Vella li fiha qed jitlob lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex jagħti n-*no objection* tiegħu bil-għan li tkun tista' tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja rigward il-permess PA 4467/2018 għal xogħol fi Triq Ġnien Xibla. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

26.6.12 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali b'direttiva dwar il-mod kif iridu jiġu organizzati l-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali *live* u *on demand*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.13 E-mail mingħand Ruben Said, *head* ta' Transport Malta f'Għawdex, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-unika għajnuna li tista' tagħti Transport Malta fir-rigward tal-għeluq ta' Triq it-Tiġrija waqt id-dħul u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja tax-Xagħra huwa li dan is-servizz jingħata bi ħlas ta' € 28.32c kull siegħa – sagħtejn filgħodu u sagħtejn filgħaxija massimu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.14 Ċirkulari numru 005/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Taħriġ – Women in Leadership Level 6'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.15 Ċirkulari numru 006/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Unpaid internship – Looking for a placement'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.16 E-mail mingħand Charles Bezzina bi proposti ta' attivitajiet li jistgħu jsiru fix-Xagħra bil-għan li l-lokalita' tagħna tapplika għall-unur ta' Belt Kulturali għas-sena 2022. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.17 Ċirkulari numru SPI/SCI/2/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex'. L-applikazzjonijiet għal din l-iskema ta' finanzjament jintlaqgħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 23 ta' April 2021. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru u ser ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri biex jagħmel stima tax-xogħlijiet.

26.6.18 Ċirkulari numru 007/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Webinar – Financial Regulations 20/01/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.19 Ittra mingħand is-Sur Elvin Borg, President tal-Għaqda 'Il-Milied fix-Xagħra', li fiha qed jirringrazzja lill-Kunsill għall-kollaborazzjoni tiegħu fl-organizazzjoni tal-attivitajiet relatati ma' Żmien il-Milied f'din is-sena tal-pandemija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.20 Ittra mingħand is-Sur Elvin Borg, President tal-Għaqda 'Il-Milied fix-Xagħra', li fiha qed jitlob laqgħa formali mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra sabiex ikunu diskussi xi materji tal-Għaqda b'mod partikolari proġett ambizzjuż għar-raħal tax-Xagħra għal żmien il-Milied. Is-Sindku innota li din il-laqgħa saret b'mod virtwali u s-Sur Borg ġie mitlub sabiex jipprepara stima tal-proġetti li għandhom ippjanati ħalli tkun tista' ssir diskussjoni dwar il-finanzjament tagħhom.

26.6.21 Ċirkulari numru 01/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.22 E-mail mingħand Dr. Marlene Cini, Segretarja tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex, li fiha qed tinforma lill-Kunsill Lokali li it-tibdil tal-isem f'lokalita' jista' jsir biss kemm-il darba jkun hemm raġuni assolutament valida għal bidla bħal dik. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.23 Ċirkulari numru 008/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-'Earth Hour' 2021'. Il-Kunsill qabel li għandna nikkollaboraw ma' *Heritage Malta* f'din l-inizjattiva.

26.6.24 E-mail mingħand Larkin Bonnici, *head implementation* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, bi kwotazzjoni għal 5000 maskla biex jitqassmu lir-residenti tal-lokalita' tagħna. Il-kwotazzjoni tammonta għas-somma ta' € 4500. Il-Kunsill ma aċċettax din il-kwotazzjoni.

26.6.25 Ittra mingħand il-Kan. Dun Anton Refalo Rapa, Rettur tal-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni tal-proġett tal-*lead panels* tad-dawl li saru fuq iz-zuntier tal-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu. L-ispejjeż jammontaw għas-somma ta' € 2436.60c.

Il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment ta' Eko-Għawdex fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex naraw jekk da nil-proġett ingħatax xi finanzjament min-naħa tagħhom.

26.6.26 E-mail mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li ser issir sessjoni ta' distribuzzjoni ta' *water saving kit* fil-lokalita' tagħna bejn id-19 u l-25 ta' April 2021. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.27 E-mail mid-Dipartiment tal-Agrikultura u s-Sajd li fiha qed jistaqsi lill-Kunsilli Lokali Għawdxin jekk humiex interessati li jaċċettaw siġar tal-palm mid-Dipartiment sabiex jitħawlu f'ġonna pubbliċi jew *roundabouts* fil-lokalitajiet. Il-Kunsill qabel li għandna nuru l-interess tagħna f'din l-inizjattiva.

26.6.28 E-mail mill-ERA b'informazzjoni dwar proċess ta' konsultazzjoni pubblika rigward l-iskop u l-objettivi tal-Pjan għall-Kwalita' tal-Arja. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.29 E-mail mill-Perit Joel Fenech, Assistent Direttur fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-Ministeru tal-Edukazzjoni ma jsibx oġġezzjoni li l-*area* fejn preżentament hemm l-i*stores* tal-Ministeru tintuża mill-Kunsill Lokali tax-Xagħra għal perijodu temporanju ta' tliet snin. Il-Kunsill innota l-kontenut u irringrazzja lill-Ministeru tal-Edukazzjoni għal din l-approvazzjoni.

26.6.30 Ċirkulari numru 009/2021 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 2020/2021'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.31 E-mail mingħand Michael Cohen, *advisor* ta' Transport Malta għal affarijiet relatati mal-Kunsilli Lokali, li fiha qed jinforma lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex b'tibdil fis-sit elettroniku tal-istess Awtorita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

26.6.32 E-mail mingħand Dr. Francienne Muscat għan-nom tal-Kumitat Organizattiv tal-Maratona Annwali ta' Għawdex li fiha qed titlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni tal-Maratona li ser issir nhar il-Ħadd 25 ta' April 2021. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 2500.

26.6.33 Ċirkulari numru SPI/SCI/3/2021 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021'. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għal din l-iskema biex niffinanzjaw il-festival tat-tin u l-Kunċert tal-Milied 2021.

26.6.34 E-mail mingħand Joseph Bajada, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika *Victory*, li fiha qed jitlob il-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fl-organizazzjoni ta' Kunċert ta' mużika funebri fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa, liema Kunċert ser isir nhar l-Erbgħa 31 ta' Marzu 2021. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora fl-organizazzjoni ta' din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 1000.

26.6.35 Stima mingħand il-kuntrattur Mario Gauci għax-xogħol ta' manutenzjoni u *upgrading* tal-funtana li tinsab fil-ġnien pubbliku quddiem il-Mitħna Ta' Kola. L-istima tammonta għas-somma ta' € 4928.51c VAT inkluża. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Gauci sabiex jippreżenta disinn ta' din il-funtana sabiex din l-istima tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

26.6.36 E-mail mingħand is-Sur Joseph Gafa', Kap Eżekuttiv tal-*Maltapost plc*, li fiha qed jinforma lill-Kunsill Lokali tax-Xagħra li l-arranġament kurrenti tal-ħinijiet tal-ftuħ tal-fergħa postali fix-Xagħra ilu fis-seħħ minn Marzu 2018. Is-Sur Gafa' assigura lill-Kunsill li meta l-kumpanija tara li jkun hemm ħtieġa li jiżdied il-ħin tal-ftuħ tal-imsemmija fergħa postali, dan isir. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**26.7 Ilmenti mir-residenti**

26.7.1 Talba mingħand il-Kunsillier Victor Curmi sabiex isir *traffic management plan* fi Triq it-Tafla. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-Perit Edward Scerri sabiex jipprepara *traffic management plan* li tkun tista' titressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

26.7.2 Talba mingħand Victor Theuma ta' Triq Mannar sabiex is-*sleeping police* fi Triq Mannar terġa' titpoġġa fejn kienet oriġinarjament peress li hemm periklu għad-dħul fis-sqaq jekk il-karozzi jkunu għaddejjin b'veloċita'

qawwija. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

26.7.3 Talba mingħand Joseph Sultana ta' Triq Ġnien Xibla sabiex issir bankina ġdida fis-sqaq maġenb ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

26.7.4 Talba mingħand Mario Agius ta' Triq l-Imqades sabiex parti minn Triq Għajn Meddew titranġa bil-konkos peress li qed iżomm ħafna ilma u qed ikun ta' periklu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

26.7.5 Talba mingħand Kevin Attard ta' Triq Marija Bambina sabiex tiġi installata CCTV *camera* fil-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li għandu nġibu tliet kwotazzjonijiet għal provvista u installazzjoni ta' dawn ic-CCTV *cameras*.

26.7.6 Talba mingħand xi residenti sabiex isir *bin* tal-klieb fis-sqaq tan-Nenus fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

26.7.7 Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex issir lapida li tfakkar lill-Professur John J. Cremona u tissemma xi triq għalih. Il-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-Arċipriet tal-Parroċċa rigward il-possibilita' li din il-lapida titwaħħal mal-ġenb tal-Knisja u nagħmlu talba lill-Kumitat tat-Tismija tat-Toroq.

26.7.8 Talba mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex jitħawlu xi siġar taċ-ċipress fil-parti ta' fuq tal-*playing field* u jkunu jistgħu jiżżejnu għal żmien il-Milied. Il-Kunsill aċċetta din it-talba.

26.7.9 Talba mingħand Mario Vella sabiex jitranġa bis-siment passaġġ pubbliku li jwassal għall-għelieqi fit-triq prinċipali li mir-Rabat tieħu għax-Xagħra. Il-Kunsill qabel li għandna nirreferu din it-talba lill-Ministeru għal Għawdex.

26.7.10 Talba mingħand Victor Attard ta' Triq Parisot sabiex jitbaxxa s-siment li hemm faċċata tar-residenza tiegħu peress li l-ilma qed jaqleb fuqu. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku Aaron Agius, il-Kunsill qabel li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar fiex wasal il-proċess tal-esproprijazzjoni ta' biċċa art faċċata tar-residenza tal-familja Attard fi Triq Parisot.

26.7.11 Talba mingħand Loreto Portelli ta' Triq Masri sabiex it-tappiera li hemm fil-kantuniera bejn Triq Marsalforn u Triq Masri tingħalaq peress li meta tagħmel ix-xita, l-ilma minn Triq Marsalforn qed jintefa' fuq Triq Masri bil-konsegwenzi negattivi kollha li dan iġib miegħu.

Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-parir tekniku tal-Perit Edward Scerri, il-Perit Josmar Cassar u l-kuntrattur Victor Hili għan-nom tal-kumpanija *Road Construction Co. Limited* qabel tiġi deċiża din it-talba.

**26.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

26.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsilliera preżenti.

26.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kif preżentata ġiet approvata unanimament bl-eċċezzjoni tal-pagament lill-*Gozo Action Group* li għalissa ser jibqa' sospiż.

**26.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

26.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata b'mod unanimu għal nhar l-Erbgħa 3 ta' Marzu 2021 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Dr. Christian Zammit**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**